# ALLA FIS-SEKLU 21

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]

# ALLA FIS-SEKLU 21

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
*Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed*[as],
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

**GOD IN THE 21ST CENTURY**
**(In Maltese Language)**

---

# Alla fis-Seklu 21

Diskors ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2014)

Traduzzjoni u Editjar minn
Karl Coleiro u Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

**Tel:** +356-27342401 • **Tel:** +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

# Dwar l-Awtur
# Il-Kalif: Bniedem ta' Paċi

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana *(Ahmadiyya Muslim Jamaat).* Huwa l-ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru, 1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment il-ħajja tiegħu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'206 pajjiż.

Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu ma' Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-Komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Alla li jista' kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-Komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità.

Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

# Introduzzjoni

## Indirizz Ewlieni mill-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana fil-Konferenza tar-Reliġjonijiet Dinjin – 'Alla fis-Seklu 21'.

Il-Mexxej dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana u l-ħames suċċessur għall-Messija Mwiegħed, Ħażra Mirża Masroor Aħmad[aba], ta diskors ewlieni fil-konferenza storika tar-Reliġjonijiet Dinjin li saret fil-11 ta' Frar 2014.

Il-konferenza ġiet organizzata mill-Komunità Aħmadija Musulmana tar-Renju Unit, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji, fil-famuż 'Guildhall' fil-Belt ta' Londra. It-tema ta' din il-konferenza tant mistennija kienet 'Alla fis-Seklu 21'.

Madwar 500 delegat attenda għal din il-konferenza straordinarja, fosthom mexxejja reliġjużi minn għadd ta' pajjiżi, politikanti, uffiċjali ta' gvernijiet diversi, membri tal-korpi diplomatiċi, akkademiċi, u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi differenti.

Il-konferenza rċeviet ukoll messaġġi ta' inkoraġġiment mill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Eliżabetta II, il-Qdusija Tiegħu, id-Dalai Lama, il-Prim Ministru David Cameron, u għadd ta' dinjitarji oħra.

Fost il-personalitajiet prominenti u mexxejja reliġjużi li tkellmu waqt il-konferenza kien hemm l-Arċisqof Kevin McDonald (Knisja Kattolika Rumana), ir-Rabbi Professur Daniel Sperber (rappreżentant tal-Mexxej tar-Rabbin f'Iżrael), ix-Xejk Muwafak Tareef (il-mexxej spiritwali tal-Komunità tad-Drużi f'Iżrael), Umesh Sharma (Ċermen tal-Kunsill tal-Ħindu fir-Renju Unit), Dot. Katrina Lantos-Swett (Viċi Ċermen tal-USCIRF), l-Onorevoli Dominic Grieve (Avukat Ġenerali), il-Barunessa Berridge (iċ-Ċerpersin tal-Grupp Parlamentari dwar il-Libertà Reliġjuża fir-Renju Unit), l-Onorevoli l-Barunessa Warsi (Ministru Anzjan tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin), ir-Rabbi Jacki Tabick (President ma' ħaddieħor tal-Kungress Dinji tar-Reliġjonijiet), l-Ambaxxatur Al-Haji Baba Kamara (rappreżentant tal-President tal-Gana), u Geshi Tashir Tsering (rappreżentant tad-Dalai Lama).

**It-traskrizzjoni tradotta tad-diskors ewlieni magħmul mill-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], hija miġjuba hawn taħt.**

بِسۡمِ اللّٰہِ الرَّحۡمٰنِ الرَّحِیۡمِ ①

*"Bismillahir-Rahmanir-Rahim* – F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.

Mistednin distinti kollha – *Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu kollha fuqkom.

L-ewwel nett nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-mistednin distinti kollha li attendew din il-konferenza. Nixtieq b'mod partikolari nuri l-apprezzament tiegħi lill-kelliema mistednin, li f'ħin verament konċiż, esprimew it-twemmin u l-opinjonijiet tagħhom. Nifhem bis-sħiħ li biex wieħed ifisser il-ħsibijiet tiegħu f'ħin daqshekk qasir huwa tassew diffiċli u għalhekk jista' jagħti l-kas li l-mistednin distinti tagħna ma rnexxilhomx jiddiskutu magħna dak kollu li kellhom f'moħħhom.

Madankollu, il-fatt li ħafna nies minn oqsma differenti ltaqgħu flimkien hawnhekk illejla fuq pjattaforma waħda juri li aħna, li lkoll inħaddnu twemmin differenti, aħna magħqudin b'xewqa u għan komuni. U dan l-objettiv komuni huwa li naħdmu biex intejbu l-ħajjiet tal-ħolqien tal-Ħallieq tas-smewwiet u l-art – li fosthom il-bnedmin huma meqjusa bħala l-aqwa forma.

Tul din l-aħħar sena ġew organizzati għadd ta' attivitajiet biex jikkommemoraw u jiffesteġġaw iċ-Ċentinarju tal-Komunità Aħmadija Musulmana fir-Renju Unit, iżda l-avveniment tal-lum huwa l-aqwa fosthom. Huwa metodu eċċellenti ta' kif tista' tlaqqa' n-nies flimkien biex jiddiskutu r-rilevanza ta' Alla f'dawn iż-

żminijiet. Għaldaqstant, dawk li organizzaw din il-konferenza ħaqqhom il-grazzi u l-gratitudni tagħna. Jiena personalment inħossni grat ħafna l-għaliex bis-saħħa tal-avveniment tal-lejla laqqgħuni ma' ħafna nies ġodda.

Dawn is-sentimenti ta' gratitudni li qed inħoss bħalissa qed iwassluni biex naħseb f'Alla, li skont it-tagħlim tar-reliġjon tiegħi amar lill-bniedem biex juri gratitudni lill-proxxmu tiegħu fejn ikun hemm bżonn. Għalhekk, jekk xi ħadd ikun ġeneruż miegħek, huwa meħtieġ li turi l-apprezzament tiegħek lejh, il-għaliex meta tkun grat lejn il-bniedem tkun qed taġixxi b'tali mod li tkun qed turi gratitudni lejn Alla l-Omnipotenti. Din hija l-perċezzjoni u l-viżjoni ta' Alla li jippreżentalna l-Iżlam. Ċertament, jekk xi ħadd li jħaddan it-tagħlim veru tal-Iżlam u li verament jemmen f'Alla kellu jsegwi dan il-valur waħdieni biss b'sinċerità, isib li l-gratitudni tiegħu tkun mezz ta' kif jinxterdu l-imħabba u l-għożża fis-soċjetà, bħalma fjura li tiffjorixxi tifrex il-ġmiel u l-fwieħa madwarha irrispettivament l-epoka li qegħdin fiha.

Kieku kull wieħed minna kellu jaġixxi b'dan il-mod insibu li l-mibegħda qawwija u l-kunflitti tad-dinja li jitfaċċaw fi żminijiet differenti, b'modi differenti u f'okkażjonijiet differenti, jindifnu darba għal dejjem u jkunu sostitwiti bl-imħabba u s-sliem dejjem u kullimkien.

Xi wħud jistgħu jaħsbu li dak li qed ngħid huwa pjuttost idealistiku u impossibbli li jseħħ fil-verità. Madanakollu, meta niflu l-istorja twila tar-reliġjonijiet nirrealizzaw li Alla minn dejjem xtaq li tkun teżisti din is-soċjetà ħanina, u kollha mogħdrija.

Alla jixtieq li l-umanità tikseb dawn l-għanijiet nobbli u tilħaq dan il-grad għoli ta' moralità. Huwa minħabba dawn ir-raġunijiet li Alla bagħat kontinwament il-profeti u r-rappreżentanti tar-ruħ Tiegħu f'kull parti tad-dinja. Intbagħtu sabiex jirriformaw lill-umanità u sabiex ikattru spirtu ta' mħabba reċiproka, kompassjoni u fraternità qalb il-popli kollha. Alla bagħat ir-rappreżentanti Tiegħu ħalli n-nies jissodisfaw aħjar id-drittijiet ta' Alla l-Omnipotenti u biex jirrispettaw id-drittijiet ta' xulxin.

Il-Profeti u r-rappreżentanti ta' Alla kienu kapaċi jiġbru madwarhom komunità ta' nies li għamlu ħilithom biex jgħixu ħajjithom skont it-tagħlim ta' Alla, filwaqt li dawk li ma laqgħuhomx b'xi mod jew ieħor, spiċċaw ħażin. Kull meta Alla bagħat ir-rappreżentanti Tiegħu, dawn ma kinux aċċettati b'mod universali l-għaliex dejjem kien hemm nies li opponew ir-reliġjon u ma qablux magħha. Fil-fatt dawn kienu jgħidu li r-rappreżentant ried biss iferrex il-biża' qalb in-nies u li fil-verità ma kienx hemm bżonn li wieħed jemmen f'Alla li kien jingħad li huwa l-Possessur tal-Forzi kollha. Madankollu, dawk in-nies li ma aċċettawx lil Alla u li opponew lill-Profeti fl-aħħar nett, ġew meqruda.

Il-Koran Imqaddes jirrakkonta l-ġrajjiet ta' nies li tbiegħdu minn Alla l-Omnipotenti u li konsegwentament sabu ruħhom f'diffikultajiet kbar li temmewhom. Għall-kuntrarju, dawk li bnew relazzjoni intima ma' Alla kellhom aktar suċċessi u dejjem ħarġu rebbieħa. Dawn in-narrazzjonijiet ma jinsabux biss fil-Koran Imqaddes, iżda jinsabu wkoll fl-iskritturi ta' reliġjonijiet oħra. Waqt li aħna qed naqraw jew nisimgħu dawn ir-rakkonti

bilfors li jkollna nieqfu u nsaqsu, jekk dawn l-istejjer humiex biss miti u leġġendi jew inkella humiex ibbażati fuq ir-realtà. Il-konsegwenzi li kienu jwiddbu bihom in-nies magħżula minn Alla veru seħħew? Is-sinjali li r-rappreżentanti ta' Alla kienu jipproklamaw veru dehru? Alla l-Omnipotenti veru li kien jippremja u jimla bil-ġenerożitajiet Tiegħu lill-magħżula Tiegħu? Bħala riżultat tat-tagħlim tal-Profeti, veru li dawk li emmnu f'Alla għażlu t-triq li kienet mimlija mħabba u mogħdrija lejn l-oħrajn?

Billi l-ħin ma jippermettix, ma nistax infisser kull punt individwali fid-dettall, iżda nista' nafferma l-fatt li l-istorja tar-reliġjon turi li t-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kollha, ċertament, hija 'Iva'.

L-Iskrittura Mqaddsa li jien nemmen fiha, il-Koran Imqaddes, tinfurmana b'mod ċar li dawn l-affarijiet kollha seħħew tassew u li Alla l-Omnipotenti jibgħat il-profeti tiegħu b'missjoni li jdaħħlu l-ogħla livelli possibbli ta' spiritwalità fl-umanità bis-saħħa ta' rabta intima ma' Alla. Permezz ta' dik ir-rabta l-bniedem jasal biex jissodisfa mhux biss id-drittijiet ta' Alla, iżda billi jkun qed jaġixxi bl-ogħla livelli morali possibbli huwa jkun qiegħed jissodisfa wkoll id-drittijiet dovuti tal-Ħolqien ta' Alla. U bħalma għedt qabel, fost il-Kreazzjonijiet ta' Alla, huma l-bnedmin li jitqiesu l-aqwa minn Alla l-Omnipotenti. Jekk dawn iż-żewġ tagħlimiet fundamentali kellhom jiġu osservati f'kull soċjetà, in-nies li jattwawhom ma jiksbux biss il-kuntentizza ta' Alla, iżda jkunu huma li jxerrdu l-imħabba, l-għożża u l-fraternità.

Skont it-twemmin tiegħi bħala Musulman, Alla l-Omnipotenti bagħat lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] biex jirriforma d-dinja

kollha u biex iwassal dawn l-objettivi supremi fost il-bnedmin. Fl-isforzi tiegħu biex ibiddel id-dinja, huwa kien jipprietka dan il-messaġġ Divin kontinwament u kien iħabrek bla waqfien, lejl u nhar. L-isforzi tiegħu ma kinux imsejsa biss fuq il-prietki iżda aktarx li kull filgħaxija kien ibaxxi rasu quddiem il-Mulej biex jitlob, u kien jibki b'tant diqa u wġigħ ta' qalb li l-art fejn kien ikun mimdud kienet tiġi mgħarrqa bid-dmugħ.

Għal liema raġuni kien qiegħed jitlob b'tant ħerqa l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]? Ma kienx minħabba r-rikkezzi jew il-poter li xtaq jakkwista. U lanqas biex jaħtaf taħt idejh xi gvern jew amministrazzjoni. Iżda x'aktarx li kull talba li kien jagħmel b'tant uġigħ ta' qalb kienet biex jimplora 'l Alla għala n-nies ma kinux qed jinbidlu la spiritwalment u lanqas moralment. Għaliex ma ridux iwarrbu l-krudeltà tagħhom? Għaliex ma ridux jabbandunaw l-imġiba ħażina u d-dnub? U minħabba dan kollu għaliex kienu qed jitfgħu lilhom infushom f'abbiss ta' qerda? It-turment u d-diqa tal-Qaddis Profeta kienu tant kbar u l-istat ta' ansjetà u disperazzjoni tant kien kritiku li fil-Koran, Alla jindirizzah direttament u jsaqsih jekk kienx lest iħalli lilu nnifsu jiddispra għall-mewt minħabba li n-nies ma ridux jisimgħu mill-kelma tiegħu.[1]

Madanakollu, Alla l-Omnipotenti huwa Dak li jisma' t-talb serju u sinċier u għaldaqstant huwa wieġeb għat-talb kollu li għamel il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. L-istorja tixhed il-fatt li dawk in-nies li kienu injoranti u slavaġ, sakranazzi, fornikaturi, lagħba, ħallelin u dawk involuti f'kull tip ta' vizzju, naddfu lilhom infushom minn dan il-ħażen kollu, u minflok imtlew bl-aqwa valuri morali possibbli. Dawk l-istess nies irnexxielhom jibnu rabta b'saħħitha ħafna ma' Alla l-Omnipotenti. L-ebda

qawwa dinjija oħra ma kien jirnexxilha toħloq rivoluzzjoni bħal din.

F'termini materjalistiċi l-Musulmani tal-bidu ma kellhom assolutament xejn u anki jekk irnexxielhom jiksbu xi għamla ta' poter, dan seħħ ħafna aktar tard fiż-żmien. Tul dak il-perjodu bikri baqgħu foqra u neqsin minn kollox, madankollu minħabba t-twemmin passjonali u ġenwin u r-rabta intima ma' Alla kienu dejjem lesti li jissagrifikaw ħajjithom għalih. Huma laħqu l-ogħla livelli ta' sagrifiċċju u kellhom xewqa tant qawwija li jservu l-umanità li kienu lesti jqassmu dak kollu li kellhom, saħansitra fi djarhom, basta jgħinu lill-proxxmu.

Kieku kellna nqabblu l-ħajja ta' dawk in-nies qabel u wara li bdew jemmnu f'Alla, insibu li bla dubju ta' xejn seħħet trasformazzjoni u metamorfosi kbira fi qlubhom, grazzi għall-għarfien u l-fehim li kisbu ta' Alla. Dawk l-istess nies kienu xhieda tas-sinjali ċari tal-għajnuna ta' Alla.

Ir-rivoluzzjoni spiritwali ma seħħitx b'kumbinazzjoni jew b'xi xewqa li jintlaħqu għanijiet materjalistiċi; iżda x'aktarx għaliex huma kienu xhieda u raw b'għajnejhom li s-sentimenti ta' mħabba li kellu f'qalbu l-Qaddis Profeta lejn nies oħra ma kienx hemm aqwa minnhom.

Anki l-aktar għedewwa ħarxa u feroċi tal-Iżlam kellhom jaċċettaw dan il-fatt. Huma kienu xhieda tal-fatt li l-Qaddis Profeta wieġeb għall-brutalità, il-mibegħda u l-attakki vjolenti tagħhom b'xejn anqas mill-maħfra, il-ħniena u l-kompassjoni. Kienu xhieda tal-fatt li meta l-Qaddis Profeta kiseb rebħa fuq l-għedewwa maħlufa tal-Iżlam, li fil-passat kienu għamlu

ħilithom kollha biex jeqirdu r-reliġjon, huwa rrisponda bissliem u l-maħfra billi qalilhom: *M'għandi l-ebda mibegħda personali lejkom. M'għandi l-ebda ħajra li nivvendika ruħi millkrudeltà u l-persekuzzjoni li aħna ġarrabna minħabba fikom flimgħoddi. Sakemm intom tagħtuna garanzija li se tgħixu fil-paċi, mela intom liberi li tibqgħu f'Mekka. M'intomx se tiġu ttrattati ħażin jew inġustament minħabba d-differenzi jew l-ideat reliġjużi tagħkom.*

Meta l-għedewwa bla għadd tal-Iżlam esperjenzaw dan l-att inkomparabbli ta' ġenerożità, ma kellhomx triq oħra ħlief li jirrikonoxxuh. Biex nagħti eżempju wieħed, wara li ra l-imġiba tal-Qaddis Profeta, avversarju tal-Iżlam jismu Iqrama, li kkommetta ħruxijiet tal-biża' kontra l-Musulmani, istintivament stqarr li trid tkun biss persuna magħżula minn Alla u li l-imħabba tagħha lejn l-umanità hija assoluta li setgħet taġixxi b'dan il-mod tant ħanin. Wara li osservaw l-eżempju tal-Qaddis Profeta dawk l-għedewwa tal-Iżlam bdew jistqarru ripetutament u fl-apert li l-liġi li ġiet rivelata lilu kienet tassew ġenwina u li t-titlu li l-Koran tah bħala 'l-ħniena għall-umanità kollha' kien assolutament iġġustifikat.

Huma għarfu li minn kull organu, minn kull pora, minn kull fibra ta' ġismu ħarġet 'il barra fawwara ta' mogħdrija u kompassjoni għall-umanità. Huma ddikjaraw bil-miftuħ li kull att tal-Qaddis Profeta kien eżempju tal-ogħla livelli ta' ħniena u ġġustifika l-verità tal-Kelma ta' Alla. Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġenwin, titqajjem potenzjalment mistoqsija jew allegazzjoni li, fil-fatt, tkun invokata ta' spiss minn xi wħud li mhumiex Musulmani.

L-allegazzjoni hija li jekk l-Iżlam jgħallem lill-Musulmani biex

juru l-imħabba u s-simpatija tagħhom lejn l-oħrajn u jekk il-Qaddis Profeta verament kien 'il-ħniena għall-umanità kollha', mela għalfejn seħħew il-gwerer reliġjużi? Biex wieħed jifhem din il-mistoqsija, wieħed irid ikun midħla tal-istorja bikrija tal-Iżlam u jżomm f'moħħu żewġ punti importanti.

L-ewwel nett, l-istorja tixhed il-fatt, li anki Orjentalisti imparzjali, li mhumiex Musulmani, jirrikonoxxu, li fl-ewwel snin wara li l-Qaddis Profeta afferma l-pożizzjoni tiegħu, huwa u d-dixxipli tiegħu ġew sottomessi għall-aktar persekuzzjoni barbara u orribbli f'Mekka minn dawk li jew ma kinux reliġjużi jew inkella minn dawk li kienu jaduraw l-allat foloz. Fil-fatt ħafna mill-ħbieb tal-Profeta li kienu jinkludu rġiel, nisa u tfal, tilfu ħajjithom. Ħa nsemmi eżempju wieħed ta' kemm kienet krudila din l-oppożizzjoni. Kien hemm każijiet ta' nisa Musulmani li rabtulhom saqajhom ma' żewġ iġmla u dawn l-iġmla mbagħad ġagħluhom jiġru f'direzzjonijiet opposti, sabiex l-iġsma ta' dawn in-nisa kienu jiġġebbdu u fl-aħħar nett jixpakkaw f'biċċtejn.

Fil-fatt hemm lista twila sew ta' atroċitajiet li seħħew iżda jien m'iniex f'qagħda li noqgħod insemmihom kollha hawnhekk. Madanakollu, minkejja li ssaportew din il-krudeltà inumana u salvaġġa, il-Musulmani qatt ma fittxew li jivvendikaw irwieħhom, kemm fl-apert kif ukoll klandestinament.

Anzi, wara li ffaċċjaw snin sħaħ ta' persekuzzjoni iebsa, il-Qaddis Profeta u l-maġġoranza ta' sħabu telqu minn Mekka. Uħud mill-Musulmani marru joqogħdu fil-belt ta' Madina filwaqt li oħrajn xterdu f'postijiet oħra. F'Madina, fejn emigra l-Qaddis Profeta, kien hemm ħafna nies li kienu ħaddnu l-Iżlam.

Madanakollu l-infidili ta' Mekka ma felħux jaraw li l-Musulmani kienu issa qed jgħixu fil-paċi u li kienu ssetiljati sewwa.

Għaldaqstant, tmintax-il xahar biss wara l-emigrazzjoni huma attakkaw lill-Musulmani ta' Madina b'armata ta' elf suldat li kienu kollha armati sa snienhom. B'paragun, l-armata Musulmana kienet magħmula minn tliet mitt ruħ biss mingħajr protezzjoni ta' xejn, ħlief għal ftit xwabel u vleġeġ. Jekk se nqisu l-merti relattivi taż-żewġ armati mela bla dubju ta' xejn li l-aħjar għażla għall-Musulmani kienet li dawn jirtiraw u jsalvaw lilhom infushom, aktar milli jieqfu u jiddefendu lil xulxin. Madanakollu, dakinhar, Alla finalment amar lill-Qaddis Profeta biex jiġġieled. Dan huwa mniżżel f'Kapitlu 22, Versi 40-41, tal-Koran fejn Alla jgħid:

"Dawk li jiġu attakkati jingħatalhom il-permess li jiġġieldu biex jiddefendu rwieħhom, għaliex tkun saret inġustizzja kontrihom – u Alla tassew għandu s-Setgħa li jgħinhom – Dawk li tkeċċew inġustament minn djarhom għaliex qalu biss: 'Sidna huwa Alla' – u kieku Alla ma tax wiċċ lil xi wħud bil-għajnuna ta' nies oħra kieku tabilħaqq kienu jiġġarrfu l-kunventi, il-knejjes, is-sinagogi u l-moskej li fihom jissemma u jitfakkar ħafna l-Isem ta' Alla. Tabilħaqq li Alla jgħin lil dak li jgħin lilu. Alla huwa tassew Qawwi, Setgħan."

Minn dawn il-versi joħroġ ċar li meta dawk li kienu jiġu attakkati bla ħniena ngħataw il-permess biex jiġġieldu dan sar mhux biss biex huma jiddefendu lilhom infushom, iżda biex jipproteġu r-reliġjonijiet kollha.

U għalhekk it-tieni raġuni għala ngħata l-permess għall-ġlied

kien għaliex li kieku l-oppressuri ma nżammux lura bil-forza, mela l-għedewwa tar-reliġjon ma kinux iħallu lill-Kristjani jgħixu fis-sliem, u la l-Lhud u la l-Musulmani u la popli oħra ta' reliġjonijiet differenti. Il-verità kienet li dawn l-avversarji tal-Iżlam xtaqu li jeqirdu lil dawk in-nies kollha li kienu jħobbu l-paċi u minflok jimlew id-dinja bil-kunflitti u d-diżordni għall-akkwisti personali tagħhom.

Kien f'dan l-isfond li Alla ħeġġeġ lill-Musulmani biex ma jibżgħux u li l-armata qawwija ta' Mekka kienet se ġġarrab disfatta kbira għaliex Alla kien se jagħti l-għajnuna lill-Musulmani. L-istorja turina li, bl-għajnuna ta' Alla, il-ftit Musulmani li kienu kważi bla armi xejn, kienu kapaċi jegħlbu lill-avversarji tagħhom li xtaqu jeqirdu l-paċi fid-dinja. Fejn, fuq naħa, din kienet rebħa għall-Iżlam, kienet ukoll suċċess permanenti għal kull persuna li tixtieq li l-paċi tirrenja fid-dinja. Kienet rebħa għal kull persuna li tixtieq li l-valuri umani jkunu dejjem imħarsa u kienet rebħa għall-popli kollha li jemmnu li r-reliġjon għandha tkun forza għall-ġid komuni u biex tistabbilixxi l-paċi fid-dinja.

Tul il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u tul l-epoki rispettivi tal-erba' Kalifi (Suċċessuri tiegħu), l-istorja tixhed il-fatt li l-gwerer missielta mill-Musulmani seħħew biss biex titwaqqaf il-krudeltà u tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja. Il-Musulmani qatt ma ġġieldu biex joħolqu l-ħruxija, l-inġustizzja u t-terroriżmu. Meta ntemm il-perjodu tal-Kalifat tas-Suċċessuri tiegħu, minfloku ġiet imwaqqfa forma ta' monarkija. Sfortunatament, f'dawk iż-żminijiet il-maġġoranza tal-gwerer kienu jinqalgħu minħabba raġunijiet politiċi jew materjalistiċi. Madankollu, irrid nagħmilha ċara li dawk il-gwerer li ġew missielta biex jespandu s-saltniet u biex jiżdied il-poter ma sarux skont it-tagħlim tal-

Iżlam hekk kif inhu mwassal mill-Koran Imqaddes.

Fuq nota simili, fiż-żminijiet tal-lum, nistgħu ngħidu li l-azzjonijiet tal-gvernijiet Musulmani jew ta' gruppi ribelli li l-ħin kollu joħolqu r-reżistenza, bl-ebda mod ma jirriflettu jew jirrappreżentaw it-tagħlim tal-Iżlam. Nista' nistqarr bla tlaqliq ta' xejn li l-azzjonijiet ta' ċerti estremisti Musulmani llum, li huma jwettqu f'isem l-Iżlam, fil-fatt qed iservu biss biex jinfamaw l-Iżlam u r-reliġjon innifisha. Jekk in-nies isegwu ideoloġija reliġjuża bħal din ikun ovvju li r-reliġjon jew Alla ma jibqgħux iservu ta' katalisti pożittivi biex tinfirex il-paċi fid-dinja. Imbagħad ikollna nammettu li dawk in-nies li jistqarru li r-reliġjon stess qiegħda tkun il-kawża tat-tixrid tad-diżordni fid-dinja jkollhom raġun.

Madanakollu, il-fiduċja tiegħi fir-reliġjon tiegħi tiżdied meta naqra l-profeziji u r-regoli tal-Koran u tal-Qaddis Profeta għaż-żminijiet tal-lum. Kemm il-Koran kif ukoll il-Qaddis Profeta bassru li għad jiġi ż-żmien meta l-Musulmani jwarrbu t-tagħlim ġenwin tal-Iżlam u ma jsegwux il-Koran. Huma kienu pprofetizzaw ukoll li dawk il-Musulmani, li jqisu lilhom infushom mexxejja u kleriċi reliġjużi, ikunu fil-verità huma stess li joħolqu l-kunflitti, il-korruzzjoni u t-taħwid. Dan hu eżattament dak li qed jiġri llum. Kif diġà għedt, meta nifli dan kollu, il-fidi tiegħi ma tonqosx iżda pjuttost tiżdied.

Jiena ma niffrustrax ruħi u lanqas nitlef it-tama, għaliex fejn il-Koran u l-Qaddis Profeta tkellmu dwar l-istat terribbli tad-dinja tal-lum, huma wasslu wkoll aħbarijiet tajba li, biex jerġa' jingħata l-ħajja l-Iżlam vera, se tingħażel persuna minn fost il-Musulmani li se tkun il-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi (l-Iggwidat).

Huwa se jintbagħat biex iwaqqaf il-gwerer reliġjużi kollha, u f'kull livell tas-soċjetà jbiddel kull għamla ta' krudeltà fi sliem u armonija. Huwa se jaħdem bla waqfien biex jintlaħqu dawn l-għanijiet nobbli u se jerġa' jdaħħal l-ispirtu ġenwin tal-Iżlam qalb is-segwaċi tiegħu. Dak l-ispirtu sinċier jispikka f'dan il-vers tal-Koran li jgħid:

'Intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, kunu xhieda tal-ġustizzja; u tħallux il-mibegħda tan-nies tħeġġiġkom biex taġixxu b'modi oħra ħlief bil-ġustizzja. Kunu ġusti *dejjem*, għax hekk toqorbu lejn l-onestà. U ibżgħu minn Alla. Alla dejjem ikun jaf x'qegħdin tagħmlu.'[2]

Għaldaqstant, dan il-vers jenfasizza l-bżonn biex inkunu dejjem onesti u naġixxu b'mod ġust. Il-livell ta' ġustizzja meħtieġ jisħaq li anki jekk ikollok tixhed kontra tiegħek innifsek, kontra l-ġenituri jew il-maħbubin tiegħek, dan ikollok tagħmlu bla eżitazzjoni ta' xejn[3], għaliex hija din il-ġustizzja li tiggarantixxi l-ħolqien tal-paċi. Dan huwa l-istandard li Alla implora fil-Koran; iżda mbagħad ikollna nistaqsu: dan l-istandard jista' qatt jinkiseb fil-verità? Bħalma għedt qabel, il-Koran u l-Qaddis Profeta bassru li perjodu ta' taħwid, kaos u korruzzjoni se jgħaddi minn fuq id-dinja u nistgħu naraw b'għajnejna stess li dan seħħ tassew. Tabilħaqq, għandna prova ċara li l-Kelma sinċiera ta' Alla ġiet fis-seħħ. Bl-istess mod, bħall-qawmien mill-ġdid tal-fidi, li għandha sseħħ bis-saħħa tal-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, dan il-livell għoli ta' ġustizzja għandu jiġi stabbilit fid-dinja fejn l-ostilità ta' nazzjon m'għandhiex tkun ta' xkiel għat-twaqqif ta' din l-istess ġustizzja.

Aħna, il-Musulmani Aħmadin, inħossuna fortunati, mhux biss

għaliex għandna fiduċja f'dawn il-profeziji, iżda għaliex għandna wkoll fehma soda li l-persuna li ntbagħtet minn Alla l-Omnipotenti waslet fil-persuna tal-Fundatur tal-Komunità tagħna, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan. Aħna nemmnu wkoll li l-proċess tal-qawmien mill-ġdid tal-Iżlam, li nbeda mill-Messija Mwiegħed, qiegħed jitkompla llum il-ġurnata bis-saħħa tal-istituzzjoni tal-Kalifat – li hija s-sistema tas-suċċessjoni spiritwali. L-awtentiċità tal-Messija Mwiegħed ġiet ippruvata permezz tal-għajnuna u s-sapport ta' Alla u ta' għadd bla qies ta' sinjali Divini favur tiegħu.

Wieħed mis-sinjali kien iż-żieda fit-terremoti u diżastri naturali oħra li seħħew minħabba l-fatt li l-bniedem warrab 'il-Ħallieq tiegħu u wkoll minħabba d-diżordni u l-kaos li huma mferrxin mad-dinja kollha. L-istorja turina li l-għadd ta' diżastri naturali li ġraw fl-aħħar seklu jisbqu ferm lil dawk ta' sekli mgħoddija. Evidenza oħra kienet profezija tal-Messija Mwiegħed li kellha x'taqsam mal-qerda tal-Kżar tar-Russja. Kien imbassar li minħabba l-krudeltajiet tal-Kżar, dan kellu jitlef it-titlu u r-renju tiegħu. Kif tixhed l-istorja, dan ukoll seħħ tassew. It-tielet profezija tirrigwarda l-gwerer dinjin. Diġà sofrejna minn żewġ Gwerer Dinjin. Jekk ma ntejbux l-imġiba tagħna u nagħrfu 'l-Ħallieq tagħna se nġarrbu aktar minn dawn il-gwerer u l-konsegwenzi terribbli tagħhom. Dawn il-profeziji kollha juru li huwa kien serva ta' twiddiba mingħand Alla biex il-bniedem jirriforma ruħu u jerġa' jaqbad it-triq it-tajba.

Barra minn hekk, huwa evidenti li, mingħajr l-għajnuna ta' Alla, persuna li ppruvat tagħmel ħoss f'villaġġ żgħir u remot fl-Indja ma kinitx se ssir magħrufa mad-dinja kollha. U wara l-mewt tiegħu, mingħajr l-għajnuna ta' Alla, ma setax iħalli warajh

Komunità li mxiet daqshekk ’il quddiem. Komunità li, minħabba li hija marbuta sew mal-istituzzjoni tal-Kalifat, kienet qed tkompli l-missjoni tiegħu fid-dinja, dik li ttejjeb ir-relazzjoni bejn il-bniedem u Alla l-Omnipotenti, li tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem waqt li żżomm l-ogħla livelli ta’ ġustizzja. Il-Komunità Musulmana Aħmadija għandha riżorsi limitati ħafna u għalhekk, mingħajr l-Għajnuna ta’ Alla, il-messaġġ tagħha ma kienx jinxtered fl-irkejjen kollha tad-dinja.

Għalhekk, fejn minn naħa dan kollu jixhed l-eżistenza ta’ Alla, min-naħa l-oħra juri li l-Komunità Musulmana Aħmadija ġiet imbierka sew mill-għajnuna u s-sapport Divin. Illum il-ġurnata, huma l-membri tal-Komunità Aħmadija li qed jagħmlu sagrifiċċji kbar finanzjarji biex jippruvaw jgħinu lill-oħrajn u qed jissagrifikaw ukoll ħajjithom fl-isforz biex jistabbilixxu u jżommu l-paċi fid-dinja. F’xi pajjiżi l-Komunità tagħna hi ppersegwitata severament u l-aktar krudeltajiet orribbli huma mwettqa fuqna, iżda aħna ma nirreaġixxux u lanqas nirritaljaw b’xi mod li l-paċi fis-soċjetà tista’ tkun perikolata.

Bla dubju ta’ xejn dan iseħħ għaliex aħna nimxu fuq it-tagħlim Divin tal-Koran li kien magħżul u mfisser perfettament mill-Fundatur tal-Komunità tagħna. U għalhekk hija t-talba tiegħi li d-dinja tagħraf il-bżonnijiet taż-żmien. Jiena nittama u nitlob li aħna, li nirrappreżentaw twemmin u reliġjonijiet differenti, u li nġbarna hawnhekk illum ħalli ngħixu partikolarment dan it-tagħlim mimli mħabba, kollha kemm aħna nħabirku ħalli nqimu ’l Alla l-Waħdieni, billi nittrattaw il-ħolqien tiegħu b’ġustizzja u nissodisfawlhom id-drittijiet mistħoqqa tagħhom. Bla dubju dan hu t-tagħlim fundamentali tar-reliġjonijiet kollha.

Għandna nutilizzaw ir-riżorsi u l-ħiliet kollha tagħna biex nibnu soċjetà aħjar, biex ngħinu l-Ħolqien ta' Alla u biex inferrxu l-imħabba, l-affezzjoni, u s-sliem f'kull livell. L-aktar bżonn urġenti u kritiku tad-dinja llum il-ġurnata huwa li tiġi stabbilita l-paċi u l-fidi f'Alla. Kieku d-dinja tifhem din ir-realtà, mela mbagħad il-pajjiżi kollha, kemm kbar kif ukoll żgħar, ma jallokawx, f'isem l-infiq ta' difiża, miljuni u biljuni ta' dollari ħalli jkabbru r-riżorsi militari tagħhom. Minflok għandhom jonfqu dak il-ġid biex jitimgħu lil dawk li huma bil-ġuħ, biex jipprovdu l-edukazzjoni għal kulħadd u biex itejbu l-livelli ta' għajxien fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Jekk ikollna nassessjaw id-dinja tal-lum b'mod ġust, mela rridu nammettu li anki l-ekonomiji tal-pajjiżi żviluppati m'għadhomx sodi u stabbli. Il-flus fl-idejn tal-membri tal-pubbliku naqsu drastikament. Anki hawn fid-dinja żviluppata jew dik tal-Punent, jintwerew intervisti fuq it-televiżjoni fejn jingħad li fl-imgħoddi l-familji kienu jieklu regolarment flimkien, apparti li kienu anki jieklu barra, u issa xi kultant qed jispiċċaw ma jkollhomx ikel fid-dar. Mhux qed ikun sempliċement possibbli għalihom biex jieklu u jgħixu f'kumditàbħal qabel u dan għaliex il-pajjiżi qed jagħtu aktar prijorità lill-infiq fuq id-difiża u l-militar tagħhom milli fuq l-għajnuniet soċjali tagħhom. Hemm xewqa akbar biex wieħed jibgħat l-armata tiegħu f'pajjiżi barranin eluf ta' mili 'l bogħod u jforniha bl-armamenti milli li wieħed jagħti kas biex itaffi l-problemi li għandu fuq l-għatba tiegħu u li jsolvi d-diffikultajiet tal-poplu tiegħu stess.

Għaldaqstant, id-diżordni ma jinxteridx minħabba r-reliġjon, iżda daż-żmien hu mifrux b'riżultat ta' manuvrar u ambizzjonijiet politiċi u minħabba l-fatt li popli u nazzjonijiet

sħaħ qed jimmiraw li jasserixxu s-superjorità tagħhom fuq ħaddieħor. Għalhekk huwa bżonn urġenti fiż-żminijiet tal-lum li l-popli kollha u l-pajjiżi kollha jagħtu kas ta' dan kollu; inkella d-dinja tkun waslet f'xifer ta' qirda inkonċepibbli. Ftit mid-distruzzjoni li naraw fid-dinja llum ġabha l-bniedem b'idejh stess, waqt li nieħdu inkonsiderazzjoni l-konsegwenzi orribbli ta' diżastri naturali.

U għalhekk biex nipproteġu lilna nfusna u nsalvaw l-umanità għandna bżonn nersqu aktar lejn Alla l-Omnipotenti u għandu bżonn ikollna relazzjoni aktar b'saħħitha ma' Alla l-Ħaj li m'abbandunax lill-Profeta Mosè u l-poplu tiegħu u lanqas m'abbanduna lill-Profeta Ġesù u d-dixxipli tiegħu. U l-Musulmani ġenwini ma nżammux lura milli jiksbu l-benedizzjoni ta' Alla u jaraw li t-talb tagħhom jiġi milqugħ.

Dawn mhumiex stejjer tal-antik jew miti tal-passat għaliex fil-fatt Alla huwa Alla li hu Dejjem Ħaj u għalhekk huwa ħaj anki llum. Il-Messija Mwiegħed għallimna li Alla jibqa' jkellem lill-poplu onest Tiegħu u jurih is-sinjali ġenwini Tiegħu. Għaldaqstant, huwa d-dmir tagħna li nagħtu kas il-kliem tar-Riformatur tal-Epoka u nagħrfu 'l Alla fl-ispirtu ġenwin tiegħu. Aħna għandna prova li Alla verament wera s-sinjali tiegħu permezz tal-Messija Mwiegħed u jibqa' jagħmel hekk saħansitra llum il-ġurnata.

Finalment nixtieq ngħid li minflok nitfgħu l-ħtija għall-iżbalji tagħna fuq Alla u fuq ir-reliġjonijiet tagħna, għandna nħarsu lejn il-mera u niflu n-nuqqasijiet tagħna. B'dan il-kliem, għal

darb'oħra nixtieq nirringrazzja 'l-mistednin kollha tagħna talli ħadu l-ħin biex ġew u semgħu dak kollu li kelli ngħid illum. Grazzi ħafna."

---

Referenzi:

(1) Il-Koran Imqaddes, Kap.18: V.7.
(2) Il-Koran Imqaddes, Kap.5: V.9.
(3) Il-Koran Imqaddes, Kap.4: V.36.

# NOTA TAL-PUBBLIKATUR

**IŻLAM**: Il-kelma Iżlam (Islam fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1987 [l-1 volum], paġna 592 - mibdula għal Iżlam fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma sliem.

**KORAN**: Il-kelma Koran (Qoran / Quran / Koran fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1990 [it-2 volum], paġna 1158 - mibdula għal Koran fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma qari.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam*, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum, li tfisser* 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

**aba** *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz,* li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

“Alla l-Omnipotenti jibgħat il-profeti tiegħu b’missjoni li jdaħħlu l-ogħla livelli possibbli ta’ spiritwalità fl-umanità bis-saħħa ta’ rabta intima ma’ Alla.”

“Għandna nutilizzaw ir-riżorsi u l-ħiliet kollha tagħna biex nibnu soċjetà aħjar, biex ngħinu l-ħolqien ta’ Alla u biex inferrxu l-imħabba, l-affezzjoni, u s-sliem f’kull livell. L-aktar bżonn urġenti u kritiku tad-dinja llum il-ġurnata huwa li tiġi stabbilita l-paċi u l-fidi f’Alla.”

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

This is the Maltese translation of the Keynote Address delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba], Khalifatul-Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community at the Historic Conference of World Religions on 11 February 2014. The conference was organised by the Ahmadiyya Muslim Community in the UK, as part of its centenary celebrations, at the famous Guildhall in the City of London.